MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Numru. 1228/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**JOSEF MAHOUACHI**
**CHRISTIAN DEBONO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom (1) Joseph Mahouachi, 19 il-sena, iben Faycal u Doreen nee' Galea, imwieled Pieta' nhar is-26 t'Awwissu, 1993 u li joqghod nru. 1, Triq Giacomo Matteotti, Fgura, detentur ta’ karta ta' l-identita' nru. 390693 M

U

(2) Christian Debono, 20 sena, iben Carmel u Veronica nee’ Grech, imwieled Pieta nhar it-30 ta’ Gunju, 1992 u li joqghod Flat 2, Block C4, Qasam Bini tal-Gvern, Fgura detentur ta’ karta ta’ l-identita’ nru. 320292M.

Akkuzati talli fil-lejl bejn l-10 u l-11 t’Awwissu, 2008, gewwa l-iskejjel primarji Dun Guzepp Zerafa School ‘A’ u Emmanuele Debono Decesare School ‘B’ fi Triq il-Kitba, Fgura:

**1.** volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ ghadd t’aperturi fl-istess skejjel, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha w sittin Euro u disgha w sittin centezmu (€1164.69), izda izjed minn mija u sittax il-Euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) u li saret ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u/jew ta’ xi entita’ w/jew entitajiet ohra.

Lil-Josef Mahouachi, wahdu akkuzat ukoll talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi:

**2.** ikkommetta serq t’oggetti, l-iktar apparat elettroniku, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija w disgha u ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta u/jew ta’ xi entita’ w/jew entitajiet ohra.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JM7 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghhom l-imputat Josef Mahouachi wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u l-imputat Christian Debono wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-

zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputat Josef Mahouachi wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u l-imputat Christian Debono wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Joseph Mahouachi l-artikoli 17, 325(1)(b), 261, 263(a), 264(1), 267, 270, 278(3) u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Josef Mahouachi fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imsemmi imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat Josef Mahouachi taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.
Rat fil-konfront tal-imputat Christian Debono l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Christian Debono, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imsemmi imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat Christian Debono taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Josef Mahouachi u Christian Debono sabiex fi zmien tlett (3) xhur millum ihallsu lir-Registratur tal-Qrati fi kwoti ndaqs bejniethom is-somma ta’ mitejn u sittax-il Ewro u erbghin centezmi ta’ Ewro (Ewro 216.40) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta’ PS644 Evan Camilleri u PS612 Theodore Vella fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok. RB1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Josef Mahouachi u Christian Debono l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------